# P7_TA(2013)0277

## Is-sitwazzjoni fit-Turkija

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar is-sitwazzjoni fit-Turkija (2013/2664(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dik tat-18 ta’ April 2013 dwar ir-Rapport ta’ Progress 2012 dwar it-Turkija[1],

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Qafas ta' Negozjar għat-Turkija tat-3 ta' Ottubru 2005,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/157/KE tat-18 ta’ Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija għall-Adeżjoni mar-Repubblika tat-Turkija[2] (is-“Sħubija għall-Adeżjoni”), kif ukoll id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar is-Sħubija għall-Adeżjoni tal-2001, l-2003 u l-2006,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi fis-sigħat bikrin tal-Ġimgħa 31 ta’ Mejju 2013 il-pulizija Torka użat vjolenza eċċessiva fi sforz biex tferrex grupp ta’ dimostranti, li kienu ilhom ġimgħat jipprotestaw kontra l-qtugħ ippjanat tas-siġar bil-ħsieb ta’ proġett ġdid ta’ kostruzzjoni fil-Park Gezi ta’ Istanbul, fl-inħawi tal-Pjazza Taksim;

B. billi l-intervent vjolenti tal-pulizija wassal għal skontri mad-dimostranti li malajr infirxu għal bliet oħra fit-Turkija, u billi dawn l-iskontri wasslu għal erbat imwiet u 'l fuq minn elf midrub, għal arresti tal-massa u għal ħsara severa lill-proprjetà privata u pubblika; billi l-gass tad-dmugħ kien użat b'mod estensiv, b'ċilindri tal-gass tad-dmugħ li ġew sparati direttament lejn id-dimostranti, u li kkawżaw korrimenti serji;

C. billi d-dimostrazzjonijiet rebħu l-appoġġ fost saffi differenti tas-soċjetà Torka; billi n-nisa u l-irġiel ħadu sehem indaqs fid-dimostrazzjonijiet;

D. billi jidher li l-kundanna qawwija min-naħa tal-Gvern Tork kellha effett oppost għal dak mixtieq;

E. billi l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni Torka jiggarantixxi d-dritt li dak li jkun, mingħajr permess, jorganizza laqgħat u dimostrazzjonijiet paċifiċi u mhux armati; billi l-Artikolu 26 jiggarantixxi l-libertà tal-espressjoni u l-Artikoli 27 u 28 jiggarantixxu ‘l-libertà tal-espressjoni’ u ‘d-disseminazzjoni bla xkiel tal-ħsieb’;

F. billi l-protesti huma marbutin ukoll mat-tħassib f'ċerti setturi tas-socjetà Torka rigward sensiela ta’ deċiżjonijiet u atti leġiżlattivi reċenti dwar kwistjonijiet bħal restrizzjonijiet fuq il-bejgħ tal-alkoħol u riformi edukattivi;

---

[1] Testi adottati, P7_TA(2013)0184.
[2] ĠU L 51, 26.2.2008, p. 4.

G. billi d-dimostranti dejjem aktar qed jesprimu tħassib dwar nuqqas perċeput ta' rappreżentanza ta' ilħna minoritarji, ta' governanza awtoritarja u nuqqas tal-istat tad-dritt u ta' governanza tajba, u ta' proċessi ġusti u ekwi fit-Turkija;

H. billi l-midja ewlenin fit-Turkija baqgħu siekta rigward id-dimostrazzjonijiet, u l-utenti ta' Twitter ġew arrestati;

I. billi t-Turkija, bħala kandidat għall-adeżjoni mal-UE, għandha l-obbligu li tirrispetta u tippromwovi d-demokrazija u li ssaħħaħ id-drittijiet u l-libertajiet demokratiċi u tal-bniedem;

J. billi l-Kummissarju Füle u r-RGħ/VP Catherine Ashton irreaġixxew għal dawn l-avvenimenti;

K. billi l-libertà ta' għaqda, il-libertà ta' espressjoni (anki permezz tal-midja soċjali kemm onlajn kif ukoll offlajn) u l-libertà tal-istampa huma prinċipji fundamentali tal-UE;

1. Jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tad-dimostranti u tal-pulizija li tilfu ħajjithom u jawgura lill-bosta midruba fejqan ta' malajr;

2. Jesprimi t-tħassib qawwi tiegħu dwar l-użu sproporzjonat u eċċessiv tal-forza mill-pulizija Torka fir-risposta tagħha għall-protesti paċifiċi u leġittimi fil-Park Gezi ta' Istanbul, u jistieden lill-awtoritajiet tat-Turkija biex jagħmlu investigazzjonijiet dettaljati dwar il-vjolenza tal-pulizija, biex itellgħu lil dawk responsabbli quddiem il-qrati u joffru kumpens lill-vittmi; iwissi lill-Gvern Tork biex ma jiħux miżuri ħorox kontra d-dimostranti paċifiċi, u jħeġġeġ lill-Prim Ministru biex jadotta pożizzjoni li tħeġġeġ l-għaqda u l-konċiljazzjoni sabiex jevita kull eskalazzjoni ulterjuri;

3. Jikkundanna l-fatt li, minkejja li l-awtoritajiet Torok ħabbru li se jkollhom taħditiet ma xi wħud mill-mexxejja tal-protesti, qed tkompli l-vjolenza tal-pulizija fi Pjazza Taksim u fiż-żona tal-viċin, u b'hekk qed tnaqqas effettivament il-prospetti għal taħditiet bejn il-gvern u d-dimostranti;

4. Jistieden lill-awtoritajiet tat-Turkija biex jiggarantixxu u jirrispettaw id-drittijiet taċ-ċittadini kollha għal-libertà tal-espressjoni, li jinġabru b'mod paċifiku u jipprotestaw b'mod paċifiku; jitlob li jinħelsu minnufih id-dimostranti paċifiċi kollha li ġew arrestati u li huma attwalment detenuti; jitlob li d-detenuti kollha jkollhom aċċess mhux ristrett għal avukati tal-għażla tagħhom; jitlob għal informazzjoni dwar l-għadd preċiż ta' detenuti u midruba;

5. Jiddeplora r-reazzjonijiet tal-Gvern Tork u tal-Prim Ministru Erdoğan, li bin-nuqqas ta' rieda tagħhom li jieħdu passi favur ir-rikonċiljazzjoni, li jagħmlu apoloġija u li jifhmu r-reazzjonijiet ta' parti mill-popolazzjoni Torka kkontribwew biss għall-polarizzazzjoni ulterjuri;

6. Jilqa' t-tweġiba moderata mill-President Gül u l-apoloġiji li l-Viċi Prim Ministru Arinç għamel lid-dimostranti midruba, kif ukoll id-djalogu tagħhom mal-pjattaforma ta' Taksim u mar-rappreżentanti tal-oppożizzjoni politika sabiex itaffu t-tensjonijiet; jissottolinja l-importanza ta' djalogu bejn il-Gvern Tork u d-dimostranti paċifiċi;

7. Ifakkar lit-Turkija li, f'demokrazija inklussiva u pluralista, iċ-ċittadini kollha għandhom

iħossu li huma rrappreżentati u li l-maġġornaza għandha r-reponsabbiltà li tinkludi lill-oppożizzjoni u lis-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ifakkar ukoll lill-partiti fl-oppożizzjoni dwar ir-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu l-parti tagħhom biex tinħoloq kultura politika demokratika li tirrispetta l-fehmiet u l-opinjonijiet differenti;

8. Huwa mħasseb dwar il-konfront li għaddej bejn il-partiti politiċi, u dwar il-fatt li l-gvern u l-oppożizzjoni mhumiex lesti jaħdmu biex jilħqu kunsens fuq riformi ta' importanza ewlenija; iħeġġeġ lill-atturi politiċi, lill-gvern u lill-oppożizzjoni biex jaħdmu flimkien ħalli jtejbu l-pluralità politika fl-istituzzjonijiet tal-istat u jippromwovu l-modernizzazzjoni u d-demokratizzazzjoni tal-istat u tas-soċjetà;

9. Jirrimarka li r-rwol kruċjali ta' sistema ta' kontrolli u bilanċi fil-governanza ta' stat demokratiku modern, li għandu jkun rifless fil-proċess kostituzzjonali li għaddej bħalissa, u li jrid ikun ibbażat fuq il-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat, b'ekwilibrju bejn il-funzjonijiet eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji, fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali – b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa – u fuq kultura politika parteċipattiva li tassew tirrifletti l-pluralità ta' soċjetà demokratika; jemmen li, fiha nnifisha, l-organizzazzjoni ta' protesti paċifiċi u leġittimi tixhed kemm hija vibranti s-soċjetà ċivili Torka; ifakkar lit-Turkija dwar l-importanza li tkompli l-isforzi tagħha biex ittejjeb aktar l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha, l-istat tad-dritt u l-osservanza tal-libertajiet fundamentali;

10. Jisħaq fuq il-bżonn ta' taħriġ intensiv kontinwu tal-forzi tal-pulizija u l-ġudikatura kemm fl-edukazzjoni formali tagħhom u matul il-karrieri attivi tagħhom rigward l-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Istanbul (ġabra ta' linji gwida internazzjonali kontra t-tortura u t-trattament ħażin) u kif ukoll dwar il-preminenza tad-drittijiet u l-libertajiet individwali;

11. Jistieden lill-awtoritajiet lokali u nazzjonali fit-Turkija biex jagħtu bidu għal konsultazzjonijiet pubbliċi għall-pjanijiet kollha ta' żvilupp urban u reġjonali; ifakkar fil-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u fatturi soċjali, ambjentali, kulturali u storiċi; jitlob sabiex il-proġetti relevanti kollha fit-Turkija jkunu suġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali, mingħajr eċċezzjoni;

12. Josserva li l-mewġa ta' protesti li qatt ma kien hemm bħala tirrifletti wkoll skuntentezza dejjem akbar f'partijiet mill-popolazzjoni Torka rigward ir-regolazzjoni tal-istil ta' ħajja; itenni li f'politika demokratika, il-gvernijiet iridu jħeġġu t-tolleranza u jiżguraw il-libertà tar-reliġjon u t-twemmin għaċ-ċittadini kollha; jistieden lill-gvern biex jirrispetta l-pluralità u r-rikkezza tas-soċjetà Torka u biex iħares l-istili ta' ħajja sekulari;

13. Iwissi li r-ripressjoni mill-pulizija ddgħajjef il-kredibbiltà tar-rwol reġjonali tat-Turkija bħala kampjun tal-bidla demokratika fil-viċinat tan-Nofsinhar;

14. Ifakkar li l-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu tal-midja huma fil-qalba tal-valuri Ewropej u li soċjetà tassew demokratika, ħielsa u pluralista tirrikjedi libertà reali tal-espressjoni; ifakkar li l-libertà tal-espressjoni hija applikabbli mhux biss għal informazzjoni jew ideat li jintlaqgħu favorevolment jew li jitqiesu inoffensivi, imma wkoll, bi qbil mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għal dawk li joffendu, jixxukkjaw jew jiddisturbaw lill-istat jew lil kwalunkwe sezzjoni tal-popolazzjoni;

15. Jinsab imħasseb dwar id-deterjorament tal-libertà tal-istampa, dwar ċerti atti ta' ċensura u dwar l-awtoċensura li qed tikber u li tirrenja fil-midja Torok, inkluż fuq l-internet; jistieden lill-Gvern Tork biex iħares il-prinċipju tal-libertà tal-istampa; jenfasizza li stampa indipendenti hija kruċjali għal soċjetà demokratika, u f'dan il-kuntest, jindika r-rwol essenzjali tal-ġudikatura fil-protezzjoni u t-titjib tal-libertà tal-istampa, biex b'hekk tiggarantixxi spazju pubbliku għal dibattitu ħieles u inklużiv; huwa mħasseb dwar l-għadd kbir ta' ġurnalisti li jinsabu l-ħabs u l-bosta proċessi fil-qrati li għaddejjin bħalissa fil-konfront tal-ġurnalisti; jitlob għar-rilaxx tal-attivisti tal-midja soċjali; iqis tassew ta' dispjaċir id-deċiżjoni tal-RTUK (il-Kunsill Suprem tar-Radju u t-Televiżjoni) li jikkastiga lill-istazzjonijiet tat-televiżjoni li rrappurtaw dwar l-avvenimenti ta' Gezi Park mill-bidu nett talli "għamlu ħsara lill-iżvilupp morali u mentali tat-tfal u ż-żgħażagħ";

16. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li konglomerati kbar b'firxa wiesgħa ta' interessi tan-negozju huma s-sidien tal-parti l-kbira tal-midja u jikkonċentrawha f'idejhom; itenni s-sejħa tiegħu għall-adozzjoni ta' liġi ġdida tal-midja li tindirizza, inter alia, il-kwistjonijiet tal-indipendenza, is-sjieda u l-kontroll amministrattiv;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi-President tal-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-President tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tat-Turkija.